

DIRETTIVI

DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/1920

tad-19 ta' Ottubru 2017

li temenda l-Anness IV tad-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE fir-rigward tal-moviment ta' żrieragħ ta' *Solanum tuberosum* L. li joriġinaw fl-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar il-miżuri protettivi kontra l-introduzzjoni ġewwa l-Komunità ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti jew prodotti tal-pjanti u kontra t-tixrid tagħhom ġewwa l-Komunità ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-punt (d) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 14 tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 2000/29/KE flimkien mal-punt 18.3 tat-Taqsima II tal-Parti A tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva, jipprevedi rekwiżiti speċjali fir-rigward tal-moviment ta' pjanti ta' speċi ta' baġħal jew li jiffurmaw it-tuberu ta' *Solanum L.*, jew l-ibridi tagħhom, maħsuba għat-tħawwil, ħlief dawk tat-tuberi ta' *Solanum tuberosum L.* speċifikati fil-punti 18.1., 18.1.1. jew 18.2. tat-Taqsima II tal-Parti A tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva, u oħrajn minbarra l-materjal tal-manutenzjoni ta' kultura li jkun miżmum f'banek tal-ġeni jew f'kollezzjonijiet ta' stokk ġenetiku.
- (2) Ċerti Stati Membri talbu għal aktar rekwiżiti speċifiċi għall-moviment ta' żrieragħ ta' *Solanum tuberosum L.*, komunement imsejja wkoll "żerriegħa vera tal-patata", li joriġinaw fl-Unjoni (minn hawn' il quddiem "iż-żrieragħ speċifikati"). Dawn ir-rekwiżiti jenħtieġ li jiżguraw il-ħarsien fitosanitarju tat-territorju tal-Unjoni minn organiżmi potenzjalment ospitati miż-żrieragħ speċifikati.
- (3) Żrieragħ li huma pjanti ta' speċi ta' baġħal, jew li jiffurmaw it-tuberu ta' *Solanum L.*, jew l-ibridi tagħhom, maħsuba għat-tħawwil, li jkunu miżmuma f'banek ta' ġeni jew kollezzjonijiet ta' stokk ġenetiku, ma jenħtieġx li jitqiesu bħala żrieragħ speċifikati, minħabba li huma maħsuba għal skopijiet ta' riċerka u konservazzjoni.
- (4) Billi *Synchytrium endobioticum* (Schilbersky) Percival, *Clavibacter michiganensis* ssp. *sepedonicus* (Spieckermann and Kotthoff) Davis et al., *Ralstonia solanacearum* (Smith) Yabuuchi et al. u l-vajrojds tat-tuberi mrekkla tal-patata jippreżentaw ir-riskju fitosanitarju prinċipali għaż-żrieragħ speċifikati, u filwaqt li titqies l-analiżi tar-riskju tal-pesti tal-Awtorità għas-Sigurtà tal-Prodotti tal-Ikel u l-Konsumaturi tan-Netherlands tal-2015 ⁽²⁾, huwa xieraq li jkun previst li jew iż-żrieragħ speċifikati jenħtieġ li joriġinaw minn żoni maġhrufa li huma ħielsa minn dawk l-organiżmi, inkella iż-żrieragħ speċifikati u l-postijiet ta' produzzjoni tagħhom jenħtieġ li jkunu suġġetti għal rekwiżiti speċifiċi.
- (5) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu 2018, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Dawn għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' April 2018.

⁽¹⁾ ĠUL 169, 10.7.2000, p. 1.

⁽²⁾ PRA EU internal movement of True Potato Seeds of official varieties, NVWA, Ġunju 2015.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva, jew għandhom ikunu akkumpanjati b'referenza bħal din fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-mod kif trid issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Il-Parti II tal-Parti A tal-Anness IV tad-Direttiva 2000/29/KE hija emendata kif ġej:

(1) Il-punt 18.3 jinbidel b'li ġej:

“18.3. Pjanti speċi ta' bagħal, jew li jif-furmaw it-tuberi ta' *Solanum L.*, jew l-ibridi tagħhom, maħsuba għat-tħawwil ħliel dawk it-tuberi ta' *Solanum tuberosum L.* speċifikati fil-punti 18.1, 18.1.1 jew 18.2, ħliel il-materjal ta' manutenzjoni tal-kultura maħżun f'banek tal-ġeni jew kollezzjonijiet ta' stokk ġenetiku, u minbarra ż-żrieragħ ta' *Solanum tuberosum L.* speċifikati fil-punt 18.3.1.

- (a) Il-pjanti għandhom ikunu nżammu taħt kundizzjonijiet ta' kwarantina u jridu jkunu nstabu ħielsa minn kwalunkwe organizzmu ta' ħsara fit-testijiet ta' kwarantina;
- (b) it-testijiet ta' kwarantina msemmija f(a) għandhom:
- (aa) ikunu sorveljati mill-organizzazzjoni uffiċjali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-Istat Membru kkonċernat u jitwettqu minn persunal imħarreġ xjentifikament ta' dik l-organizzazzjoni jew ta' kwalunkwe korp approvat b'mod uffiċjali;
- (bb) jitwettqu fsit ipprovdut b'faċilitajiet xierqa suffiċjenti sabiex jikkontrollaw l-organiżmi ta' ħsara u jżommu l-materjal, inklużi l-pjanti indikaturi, b'tali mod li jiġi eliminat kwalunkwe riskju ta' tixrid tal-organiżmi ta' ħsara;
- (cc) jitwettqu fuq kull unità tal-materjal,
- permezz ta' eżami viżwali f'intervalli regolari matul it-tul sħiħ ta' mill-anqas ċiklu veġetattiv wieħed, filwaqt li jitqies it-tip ta' materjal u l-istadju tal-iżvilupp tiegħu matul il-programm ta' ttestjar, għal sintomi kkawżati minn kwalunkwe organizzmu ta' ħsara,
 - permezz ta' ttestjar, skont metodi xierqa li jridu jiġu ppreżentati lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 18:
 - fil-każ tal-materjal kollu tal-patata, tal-anqas għall-
 - Virus moħbi tal-patata Andeana,
 - Arracacha virus B, oca strain,
 - Virus tal-patata li jagħmel tikek suwed,
 - Vajrojtd tat-tuberi mrekkla tal-patata,
 - Virus tal-patata T,
 - Virus li joħloq tbajja fil-patata Andeana,
 - viruses komuni tal-patata A, M, S, V, X u Y (inkluż Y^o, Yⁿ u Y^c) u għall-virus tal-werqa tal-patata,
 - *Clavibacter michiganensis* ssp. *sepedonicus* (Spieckermann u Kotthoff) Davis *et al.*,
 - *Ralstonia solanacearum* (Smith) Yabuuchi *et al.*;
 - fil-każ ta' żrieragħ ta' *Solanum tuberosum L.*, għajr dawk speċifikati fil-punt 18.3.1., mill-inqas għall-viruses u għall-virojtd elenkati fuq;
- (dd) b'ittestjar adegwat fuq kwalunkwe sintomu ieħor osservat fl-eżami viżiv sabiex jiġu identifikati l-organiżmi ta' ħsara li kkawżaw tali sintomi;
- (c) kwalunkwe materjal, li ma jkunx instab ħieles, fl-ittestjar speċifikat taħt (b) mill-organiżmi ta' ħsara speċifikati taħt (b) għandu jiġi immedjatement meqrud jew sottopost għal proċeduri li jeliminaw l-organiżmu/i ta' ħsara;
- (d) kull organizzazzjoni jew korp ta' riċerka li jkunu qegħdin iżommu dan il-materjal għandhom jinfurmaw lis-servizz uffiċjali għall-protezzjoni tal-pjanti tal-Istat Membru tagħhom dwar il-materjal miżmum.”

(2) il-punt 18.3.1. li ġej jiddaħħal wara l-punt 18.3.:

“18.3.1. Żrieragħ ta’ *Solanum tuberosum* L., għajr dawk speċifikati fil-punt 18.4.

Stqarrija uffiċjali li:

Iż-żrieragħ ġejjin minn pjanti li jikkonformaw, kif applikabbli, mar-reqwiziti stabbiliti fil-punti 18.1., 18.1.1., 18.2. u 18.3.;

kif ukoll

(a) iż-żrieragħ li joriġinaw f’żoni huma ħielsa minn *Synchytrium endobioticum* (Schilbersky) Percival, *Clavibacter michiganensis* ssp. *sepedonicus* (Spieckermann and Kotthoff) Davis *et al.*, *Ralstonia solanacearum* (Smith) Yabuuchi *et al.* u l-vajrojdt tat-tuberi mrekkla tal-patata;

jew

(b) iż-żrieragħ jikkonformaw mar-reqwiziti kollha li ġejjin:

(i) li jkunu ġew prodotti f’sit fejn, sa mill-bidu tal-aħħar ċiklu ta’ veġetazzjoni, ma jkun għe osservat l-ebda sintomu ta’ mard ikkawżat minn organiżmi ta’ ħsara msemija fil-punt (a);

(ii) li jkunu ġew prodotti f’sit fejn ittieħdu l-miżuri kollha li ġejjin:

(1) tkun saret separazzjoni tas-sit minn pjanti solanini oħra u pjanti ospitanti oħrajn tal-vajrojdt tat-tuberi mrekkla tal-patata;

(2) ikun hemm prevenzjoni ta’ kuntatt minn mal-persunal u oġġetti, bħal għodod, makkinarju, vetturi, reċipjenti u materjal ta’ imballaġġ, minn siti oħra li jipproduċu pjanti solanini u pjanti ospitanti oħrajn tal-vajrojdt tat-tuberi mrekkla tal-patata, jew jittieħdu miżuri tal-iġjene adegwati fir-rigward ta’ persunal jew oġġetti minn siti oħra li jipproduċu pjanti solanini u pjanti ospitanti oħrajn tal-vajrojdt tat-tuberi mrekkla tal-patata għall-prevenzjoni mill-infezzjonijiet;

(3) jintuża biss ilma ħieles mill-organiżmi kollha li jagħmlu l-ħsara msemija f’dan il-punt.”